

# FESTIVAL NAZZJONALI TAL-BANED



## LINJI ĠWIDA FESTIVAL 2021



## Il-Fondazzjoni Kottonera bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda qegħdin iniedu

FESTIVAL NAZZJONALI TAL-BANED

KOTTONERA FOUNDATION

GHAQDA KAŻINI TAL-BANDA

## Kontenut

**1. Introduzzjoni** ........ 2

**2. Informazzjoni** ........ 2

**3. Regolamenti Ġenerali** ........ 3

**4. Regolamenti għal-formazzjoni tal-Banda:** ........ 4

# 1. Introduzzjoni

Dan il-festival li ser ikun miftuħ għal baned kollha Maltin u Għawdxin membri tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda ser ikun mifrux fuq 4 t'ijiem:

- 8 u 9 ta' Mejju 2021
- 15 u 16 ta' Mejju 2021

u ser jittella f'4 pjazez jew postijiet pubbliċi jew siti storiċi ġewwa l-Kottonera. Jekk iċ-ċirkustanzi jippermettu dawn il-kunċerti jkunu miftuħa għal-pubbliku, jekk le il-kunċerti jsiru xorta b' distanza soċjali u jintwerew fuq il-mezzi soċjali. Kull protokoll maħruġ mis-Supretendent għas-Saħħa Pubblika relattiv għal dawn it-tipi ta-attivitajiet jkunu applikati.

# 2. Informazzjoni

2.1. Għal kull banda li ser tintgħażel biex tieħu sehem hemm remunerazzjoni ta' €2,500.

2.2. Ser tkun qed isir laqgħa ta' informazzjoni nhar il-Erbgħa 13 ta' Jannar 2021 fis-7:30pm, għal dawk il-każini kollha li qed juru interess li jieħu sehem f'dan il-festival. Irreġistra l-interess tiegħek għal din il-lagħqa fuq secretary@maltaband.org. Il-link sabiex tipparteċipa għal din il-laqgħa huwa:

https://www.gotomeet.me/ChristopherBriffa/laqgha-ta-informazzjoni-baned

2.3. L-applikazzjonijiet għal-baned ser jiftħu nhar il-Ħamis 14 ta' Jannar 2021 u jagħlqu nhar it-Tnejn 8 ta' Frar 2021 sal-5:00pm. L-applikazzjoni b'mod diġitali għandhom jiġu sottomessi min dawk interessati billi jimlew l-applikazzjoni online fuq il-link: https://forms.office.com/Pages/applikazzjoni-baned. F'każ ta' diffikultà tistgħu tibagħtu ittra elettronika fuq: festivalbaned@maltaband.org.mt.

# 3. Regolamenti Ġenerali

3.1. Jekk ikun hemm aktar min erba' (4) baned li l-applikazzjoni tagħhom tgħaddi mill-istadju tal-evalwazzjoni jkun meħtieġa li tittella' polza quddiem l-applikanti kollha li jkunu ġew aċċettati sabiex jintgħażlu l-4 baned li ser jieħdu sehem fl-ewwel edizzjoni tal-Festival Nazzjonali tal-Baned Maltin.

3.2. Dawk il-baned li ma jintgħażlux u juru x-xewqa li jieħdu sehem fl-edizzjoni li jmiss tal-festival ikollhom id-dritt ta' l-ewwel għażla għal dik l-edizzjoni. Il-Baned li jkunu ħadu sehem f'edizzjoni tal-Festival ma jkunux jistgħu japplikaw għall-edizzjoni li tkun imiss wara dik li jkunu pparteċipaw.

# 4. Regolamenti għal-formazzjoni tal-Banda:

4.1 Il-Formazzjoni ta' kull banda għandha tkun kif hawn murija:

- Piccolo,
- 1st Flute,
- 2nd Flute
- Oboe,
- Eb Clarinet,
- 1st Bb Clarinet,
- 2nd Bb Clarinet,
- 3rd Bb Clarinet,
- Bass Clarinet,
- Bassoon,
- 1st Alto Sax,
- 2nd Alto Sax,
- Tenor Sax,
- Baritone Sax,
- 1st Horn,
- 2nd Horn,
- 3rd Horn
- 4th Horn,
- 1st Bb Trumpet
- 2nd Bb Trumpet
- 1st Tenor Trombone
- 2nd Tenor Trombone,
- 3rd Tenor Trombone,
- Bb Baritone,
- Euphonium
- Tuba,
- Percussion

Strumenti addizzjonali: Drum Set, Keyboard u Base Guitar.

4.2 Tibdil għal din il-formazjoni bandistika jintlaqgħu biss wara diskussjoni mal-Bord tal-għażla u bl-approvazzjoni bil-miktub tal-istess Bord. Dan irid jintalab mhux aktar tard minn xahar wara d-data li l-banda ġiet magħżula biex tieħu sehem fil-festival.

4.3 Kull banda jrid ikollha min tal-inqas 30% (bejn 12 u 15 il-bandist) tal-formazzjoni magħmula min bandisti tal-post li rridu jkunu reġistrati wkoll mal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda. Mal-applikazzjoni kull banda trid tissottometti l-lista tal-bandisti li ser ikun qegħdin idoqqu magħha kemm tal-post u kemm dawk barranin.

4.4 Surmast Direttur ma jistax jidderieġi aktar min banda waħda li ser tkun qegħda tieħu sehem fil-edizzjoni ta' dik is-sena tal-festival.

4.5 Kull banda mistennija li tesegwixxi programm Mużikali ta' bejn 50 – 60 minuta. Il-Kunċert għandu jkun bandistiku u mhux ser ikun permess sehem ta' kantanti, korijiet, preżentatur, eċċ.

4.6 Kull banda mistennija li fl-applikazzjoni telenka l-mużika li ser tkun qed tessegwixxi għal-kull kategorija, kif ukoll it-tul ta' ħin tal-eżekuzzjoni ta' kull silta. Jekk dan ma ssirx l-applikazzjoni ma tiġix ikkunsidrata. Is-Siltiet mużikali għandhom ikunu hekk:

- Silta ta' introduzzjoni tal-Kunċert (Band Opening) massimu ta' 3-4 minuti.
- Kompożizzjoni ta' Surmast Lokali mhux aktar min 10 minuti.
- Silta Operistika ta' mhux aktar min 10 minuti.
- Silta Moderna miktuba speċifikament għal-banda ( Miktuba fis-snin 2000) ta' mhux aktar min 10 minuti.
- Kompożizzjoni Originali ta' Kompożitur Malti li ser tkun provduta mil-Fondazzjoni Kottonera mhux aktar min 12 il-minuta (Silta Supplementari għal-Banda li tkun trid tindaq f'każ li l-bord jgħatti din id-direzzjoni).
- Innu tal-Kottonera.

4.7 Il-Kompożizzjoni provduta mill-Fondazzjoni Kottonera tibqa dejjem proprjetà tal-istess Fondazzjoni w tal-Kompożitur. Bl'ebda mod din ma tista' tiġi riprodotta f'kwalunkwe forma u mezz u ma tistax tiġi eżegwita mingħajr il-permess bil-miktub tal-Fondazzjoni w tal-Kompożitur.

4.8 Il-Fondazzjoni ser tkun qed tipprovdi l-loġistika meħtieġa sabiex jittellgħu dawn il-kunċerti mużikali. Il-Baned li ser jieħdu sehem jridu jipprovdu l-leġijiet w l-istrumenti li ser ikollhom bżonn. Laqgħat loġistiċi mall-baned magħżula ser isiru lejn l-aħħar ta' April.

4.9 Lejliet l-Eżekuzzjoni tal-kunċert il-banda ser ikollha ħin sabiex tagħmel prova teknika fuq is-sit fejn jkun ser issir il-Kunċert.